MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 234/2011

**S&R (Handaq) Limited (C-5790)**

**Vs**

**Korporazzjoni Malta Enterprise**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjetà S&R (Handaq) Limited fit-8 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal: (1) jiddikjara li d-decizjoni tal-Korporazzjoni Malta Enterprise li ma tirrifondilhiex l-ammonti li hija intitolata ghalihom ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors, hija irregolari; (2) jikkundanna lill-Korporazzjoni Malta Enterprise tirrifondilha s-somma ta' wiehed u sittin elf mija tmienja u sittin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€61,168.55), jew somma verjuri li tigi likwidata mit-Tribunal, rapprezentanti rimbors ta' spejjez approvati fir-rigward ta' safar kif spjegat fir-Rikors taghha, ai termini tal-kuntratt ta' l-1 ta' Dicembru 2009, flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data ta' kull talba ghar-refuzjoni sal-

pagament effettiv; (3) jiddikjara li l-agir tal-Korporazzjoni Malta Enterprise li ma tirrispondix ghall-varji interpellazzjonijiet taghha ghall-informazzjoni f'dan ir-rigward jammonta ghal nuqqas serju amministrattiv fl-obbligazzjoni ta' l-istess Korporazzjoni li tippromwovi l-intrapriza privata tas-socjetà S&R (Handaq) Limited, kif rikjest mill-Ligi vigenti; bl-ispejjez giudizzjarji u dawk relattivi ghall-pariri w ittri legali in konnessjoni ma' din il-kwistjoni kontra l-Korporazzjoni Malta Enterprise;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. “SR01” sa' Dok. “SR07” a fol. 8 sa' 32 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Korporazzjoni Malta Enterprise permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti u titlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjetà, stante li: (i) in linea preliminari t-talbiet attrici huma improponibbli f'dan l-istadju stante li sa' issa ma sar l-ebda att amministrattiv da parte taghha fir-rigward tat-talba ta' rimbors ta' spejjez tas-socjetà rikorrenti in bazi tal-Grant Agreement datat 1 ta' Dicembru 2009, tant illi l-istess socjetà tirrikonoxxi fir-Rikors promotur li ma nghatatx risposta cara u konkreta ta' kif u meta l-Korporazzjoni kienet bi hsiebha tirrifondi l-imsemmija spejjez; u (ii) fil-meritu li t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li decizjoni ta' rifjut, anke jekk tezisti, ma hijiex wahda irregolari semplicement ghaliex hija rifjut u fi kwalunkwe kaz il-Korporazzjoni intimata ghandha dritt li temenda l-kondizzjonijiet tal-Grant Agreement skond kif jinnecessitaw zviluppi li jistghu jsehhu, liema zviluppi fil-kaz in ezami jikkoncernaw il-kundanna fil-konfront ta' ex-direttur tas-socjetà rikorrenti li nstab hati ta' diversi akkuzi rigwardanti l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' sentenza definittiva tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fit-13 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Gregory Paul Brincat”;

Ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà rikorrenti b'Nota pprezentata fis-16 ta' Jannar 2012 u mmarkati Dok. “A” sa' Dok. “C” a fol. 41 sa' 44 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Audrey-Anne Callus Randich moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012[1] u d-dokumenti minnha esebiti waqt l-imsemmija seduta u markati Dok. "JG1" sa' Dok. "JG4" a fol. 45 sa' 69 tal-process, u sema' x-xhieda ta' Joseph Azzopardi moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012[2];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà rikorrenti pprezentata fis-27 ta' April 2012[3] u ra n-Nota Responsiva tal-Korporazzjoni intimata pprezentata l-1 ta' Gunju 2012[4];

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà rikorrenti titlob li t-Tribunal jiddikjara li r-rifjut da parte tal-Korporazzjoni intimata li tilqa' t-talba taghha ghal rimbors ta' spejjez in konnessjoni ma' safar dovuti lilha skond Grant Agreement datat 1 ta' Dicembru 2009, hija irregolari u konsegwentement jikkundanna lill-istess Korporazzjoni tirrifondilha s-somma ta' €61,168.55, jew somma verjuri likwidata mit-Tribunal, rapprezentanti spejjez approvati fir-rigward ta' safar skond kif provdut fl-imsemmi Grant Agreement datat 1 ta' Dicembru 2009, u li jiddikjara li l-agir tal-Korporazzjoni intimata li ma tirrispondix ghall-interpellazzjonijiet ghall-hlas da parte taghha jammonta ghal nuqqas serju amministrattiv fl-obbligazzjoni tal-Korporazzjoni intimata li tippromwovi l-intrapriza privata tas-socjetà kif minnha rikjest bil-Ligi.

Il-Korporazzjoni intimata topponi ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti u tikkontendi li l-istess ghandhom jigu michuda stante li: (i) preliminarjament f'dan l-istadju huma improponibbli peress illi l-Korporazzjoni ghadha ma

[1] Fol. 70 sa' 73 tal-process.
[2] Fol. 79 sa' 86 tal-process.
[3] Fol. 87 sa' 93 tal-process.
[4] Fol. 97 sa' 100 tal-process.

wettqet ebda att amminnistrattiv fir-rigward tat-talba tas-socjetà ghar-refuzjoni ta' spejjez a bazi tal-Grant Agreement datat 1 ta' Dicembru 2009, u li (ii) fil-meritu li t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante li anke jekk jigi ikkunsidrat li hemm rifjut, dan ma jistax jitqies li hu irregolari semplicement ghaliex rifjut u l-Korporazzjoni ghandha d-dritt li temenda l-kondizzjonijiet tal-Grant Agreement skond kif jinnecessitaw zviluppi li jsehhu, liema zviluppi fil-kaz in ezami jiccentraw madwar il-kundanna ta' ex-direttur tas-socjetà rikorrenti li nstab hati ta' diversi akkuzi rigwardanti l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud b'sentenza fl-ismijiet "Pulizija v. Gregory Paul Brincat" pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru 2009.

Fil-fehma tat-Tribunal ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mill-Korporazzjoni intimata bl-eccezzjoni preliminari taghha, u dana nonostante dak provdut fl-Artikolu 3 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi. Ghaldaqstant f'din is-sentenza ser tigi trattata u deciza l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Korporazzjoni intimata.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta li l-fatti saljenti u pertinenti ghall-kwistjoni in ezami huma s-segwenti:

- Matul l-2009 l-Korporazzjoni intimata ghamlet sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-assistenza finanzjarja taht l-*Operational Programme 1 – Cohesion Policy 2007-2013* skond l-*ERDF International Competitiveness Grant Scheme Call 2*. Is-socjetà rikorrenti applikat ghal din l-assistenza finanzjarja u bhala fatt inghatat il-grant u fl-1 ta' Dicembru 2009 gie ffirmat Grant Agreement bejnha u l-Korporazzjoni intimata[5];
- In succinct it-termini tal-Grant Agreement huma li s-socjetà rikorrenti kellha twettaq a spejjez taghha l-progett

[5] Dok. "SR01" a fol. 8 sa' 14 tal-process.

finanzjat, tipprezenta d-dokumentazzjoni opportuna relattiva ghal dawn l-ispejjez lill-Korporazzjoni intimata li, a sua volta, ladarba tkun sodisfatta li l-progett twettaq u li l-ispejjez li taghhom tkun qed tintalab ir-refuzjoni huma effettivament gustifikati u rifondibbli, tghaddi biex taghti l-assistenza finanzjarja mweghda li hija sa' 50% tal-valur tal-progett;

• Is-socjetà rikorrenti wettqet il-progett u pprezentat id-dokumentazzjoni opportuna relattiva ghall-ispejjez minnha inkorsi ghall-fini li tottjeni refuzjoni tas-somma ta' €61,168.55. Minkejja diversi talbiet ghal informazzjoni dwar l-*istatus* tat-talba taghha[6] u interpellazzjonijiet ghar-refuzjoni, fosthom ittra ufficjali datata 29 ta' April 2011, notifikata lill-Korporazzjoni intimata fil-5 ta' Mejju 2011[7], u ittra ohra datata 26 ta' Lulju 2011[8], is-socjetà rikorrenti baqghet ma rceviet ebda risposta formali da parte tal-Korporazzjoni intimata u lanqas giet refuza l-ammont minnha pretiz;

• It-talba tas-socjetà rikorrenti bhala fatt tinsab sospiza pendenti decizjoni dwar x'ser isir fid-dawl tal-fatt li ex-direttur taghha gie kkundannat ghal diversi reati taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-probabilità li se tigi promulgata ligi dwar il-*blacklisting* li tista' tippreskludi lil min hu *black listed* milli jinghata kuntratti pubblici u/jew jibbenefika minn fondi finanzjarji tramite l-Unjoni Ewropea, liema ligi jista' jkollha effett retroattiv [9].

Is-socjetà rikorrenti tqis in-nuqqas ta' kommunikazzjoni u risposta da parte tal-Korporazzjoni intimata dwar it-talba taghha ghar-refuzjoni tas-somma ta' €61,168.55 bhala rifjut ta' dik it-talba u ghalhekk istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront tal-Korporazzjoni Malta Enterprise ghall-fini li tottjeni dikjarazzjoni li dak ir-rifjut hu rregolari. Hija tiddefendi l-proponibilità u l-validità ta' l-azzjoni taghha fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Korporazzjoni intimata in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari

---

[6] Dok. "SR03" a fol.25 tal-process, Dok. "SR04" a fol. 26 tal-process.

[7] Dok. "SR05" a fol. 27 sa' 28 tal-process.

[8] Dok. "SR07" a fol. 30 u 31 tal-process.

[9] Xhieda moghtija minn Audrey-Anne Callus Randich waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, fol. 70 sa' 73 tal-process, u xhieda moghtija minn Joseph Azzopardi waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, fol. 79 sa' 86 tal-process.

ghal dak provdut fil-*proviso* ghat-tifsira ta' "eghmil amministrattiv". In sostenn tal-proponibilità u validità ta' l-azzjoni taghha tikkontendti li *kuntrarjament ghal dak allegat mill-Korporazzjoni intimata fl-eccezzjoni preliminari taghha, m'hemm ebda kontrosens fir-rikors promotur tas-socjetà rikorrenti stante li l-kumment ta' l-istess socjetà kien illi wara diversi interpellazzjonijiet maghmula minnha lill-Korporazzjoni intimata sabiex l-istess Korporazzjoni "taghti risposta cara u konkreta ta' kif u meta kien behsiebha tirrifondi l-ammonti dovuta lill-esponenti [S&R(Handaq)]" l-istess Korporazzjoni baqghet ma tat ebda risposta. Huwa fil-fatt abbazi ta' dawn l-interpellazzjonijiet u n-nuqqas ta' risposta tal-Korporazzjoni intimata li saret it-talba lil dan l-Onorabbli Tribunal mis-socjetà rikorrenti peress illi dawn l-interpellazzjonijiet tas-socjetà rikorrenti u n-nuqqas imsemmi tal-Korporazzjoni intimata jiskattaw il-provvizjonijiet u l-effetti legali tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 skond liema: "Izda hlief f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenhtieg taghti decizjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rfjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira"*[10].

Is-socjetà rikorrenti ssosstni li fil-kaz in ezami jissussistu l-elementi kollha mehtiega ghall-applikabilità ta' dak provdut fil-*proviso* ghat-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk in-nuqqas tal-Korporazzjoni intimata li tirrispondi ghat-talbiet taghha ghar-refuzjoni jammonta ghal rifjut.

Il-Korporazzjoni intimata tirribatti s-sottomissjonijiet imressqa mis-socjetà rikorrenti billi issosstni li dak provdut fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghal proceduri istitwiti quddiem dan it-Tribunal. In sostenn ta' din is-sottomissjoni tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet "Martin Spiteri v. Transport Malta" deciza minn dan it-Tribunal fit-13 ta' Mejju 2011 u ghas-sentenza fl-

10 Fol. 88 u 89 tal-process.

ismijiet "Ronald [recte: Raymond] Abela v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2012, minn liema appuntu johrog il-principju li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistghux u ma ghandhomx jigu estizi ghal proceduri istitwiti quddiem tribunali amministrattivi, inkluz dan it-Tribunal. Issostni wkoll li *l-Att li jirregola dan it-Tribunal huwa l-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta li fid-disposizzjoni kontenenti d-definizzjonijiet ma jaghmel ebda referenza ghad-definizzjoni ta' att amministrattiv kif stipulata fl-artikolu 469A izda l-legislatur ghadda biex ta definizzjoni distinta. Di fatti, "att amministrattiv" huwa definit ben divers minn dak li jipprovdi s-subartikolu 2 tal-Artikolu 469A tal-Kap.12 ghaliex filwaqt illi ta' l-ewwel jiddefinixxi "att amministrattiv" bhala li jinkludi "l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, licenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta' xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li tittiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika", huwa biss l-artikolu 469A li jistipula li jikkonstitwixxi rifjut sitwazzjoni fejn "meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira". Di più it-Tribunal ghandu kompetenza biss li jirrevedi atti amministrattivi kif definiti mill-Kap.490 eskluzi ghalhekk sitwazzjonijiet bhalma ghandu quddiemu dan l-Onorabbli Tribunal*[11].

Wara li kkonsidra l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Gustizzja Ammininstrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, u d-Dibattiti Parlamentari relattivi ghall-imsemmi Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, it-Tribunal hu tal-fehma li kif korrettament osservat mill-Korporazzjoni intimata, dak dispost fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghal proceduri istitwiti quddiemu.

---

[11] Nota Responsiva tal-Korporazzjoni intimata, fol. 99 u 100 tal-process.

Jibda biex jigi osservat illi ghalkemm dan it-Tribunal gie kostitwit specifikatament biex *jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt* u huwa *kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima* – Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta – il-procedura relattiva ghall-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-Qorti kompetenti biex tisma' tali proceduri hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ma gietx revokata.

Mid-Dibattiti Parlamentari dwar l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva[12] johrog car in-nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg nahat tal-Kamra dwar l-amalgamazzjoni tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta taht il-kappa tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, tant illi finalment din l-ideja giet irtirata. Dan johrog car mid-Dibattitu tas-Seduta Parlamentari li nzammet fis-17 ta' Jannar 2007, fejn inghad illi *f'dan l-abbozz ta' ligi konna pproponejna li l-469(A) tigi amalgamata taht il-kappa ta' dan it-tribunal amministrattiv li se jkun imexxi minn imhallef jew magistrat disentu[13]. Madanakollu din il-bicca tax-xoghol tant qajmet kwestjonijiet u akkuzi li hadna d-decizjoni li nirtirawha.*

Ghalhekk illum jissussistu zewg proceduri – il-procedura ta' stharrig giudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-procedura ta' revizjoni ta' atti amministrattivi a tenur tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem dan it-Tribunal – **li huma paralleli ghal xulxin izda ghal kollox distinti minn xulxin**. Konsegwentement ghalhekk il-provvedimenti tal-Ligi applikabbli ghall-procedura 'l wahda ma jistghux u ma ghandhomx jigu applikati ghall-procedura l-ohra u

[12] Vide b'mod partikolari d-Dibattiti tas-Seduti Parliamentari li nzammu fis-26 ta' Novembru 2006, fid-29 ta' Novembru 2006 u fis-17 ta' Jannar 2007.
[13] Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva kif originarjament abbozzat.

ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà rikorrenti, dak dispost fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-*proviso* ghat-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" taht l-Artikolu 469A(2), ma jistax jigi applikat fil-kuntest ta’ proceduri istitwiti quddiem dan it-Tribunal.

Semplicement ghaliex dan it-Tribunal huwa vestit bil-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi kemm fuq punti ta’ fatt kif ukoll fuq punti ta’ Ligi ma jfissirx li b’daqshekk jista’ arbitrarjament u indiskriminatament jadotta ghal proceduri pendenti quddiemu provvedimenti minn Ligijiet ohra, partikolarment meta dawn ikunu provvedimenti specifikatament marbuta ma’ proceduri giudizzjarji partikolari bhalma huwa appuntu l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Di fatti ghalkemm l-Artikolu 15(8) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *t-Tribunal ghandu, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ kull ligi oha li tkun tapplika u li tirregola l-procedura tat-Tribunal, li jirregola l-proceduri tieghu innifsu,* l-Artikolu 16(2)(i) ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi jipprovdi li *l-Ministru jista’ ukoll jaghmel regolamenti biex it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva jiffunzjona ahjar, u jista’, minghajr pregudizzju ghall-mod generali ta’ dan, jaghmel regolamenti li jistabilixxu liema disposizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk ikun hemm, li ma gewx imsemmija f’dan l-Att, jekk hemm, ghandhom japplikaw ghall-procedura quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni Amminsitrattiva.*

Fil-fehma tat-Tribunal huwa mod meta Huwa jadotta ghall-proceduri pendenti quddiemu disposizzjonijiet generali tal-Ligi procedurali bhalma huma ad ezempju l-provvedimenti dwar appelli minn digrieti interlokutorji stipulati fl-Artikolu 229 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jew il-provvedimenti dwar il-prova b’dokumenti stipulati fl-Artikolu 627 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda hija kwistjoni ghal kollox differenti meta si tratta ta’ provvedimenti tal-Ligi li jittrattaw dwar procedura specifika u specjali li taqa’ taht il-kompetenza ta’ forum iehor, senjatament tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghal dak li jirrigwarda l-procedura ta’ stharrig ta’ azzjoni amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu

469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti fejn fl-ewwel kaz it-Tribunal jemmen li jista' jistrih fuq dak provdut fl-Artikolu 15(8) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u dana anke ghall-fini ta' certezza w uniformità fil-proceduri trattati minnu, fit-tieni kaz huwa necessarjament limitat b'dak provdut fl-Artikolu 16(2)(i) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment meta jigi kkunsidrat li kemm-il darba kellu jigi applikat dak dispost fil-*proviso* ghat-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" taht l-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal proceduri pendenti quddiem it-Tribunal, tkun effettivament qed tigi estiza l-kompetenza tat-Tribunal minn kif ikkontemplata fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, ossia l-Att li bis-sahha tieghu gie kostitwit l-istess Tribunal.

Mill-gdid jigi ribadit li l-Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jiddisponi li *(1) Qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. (2) It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi l-atti amministrattivi.* Ai termini ta' l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi t-terminu "att amministrattiv" ghall-finijiet ta' dak l-Att u kwindi ghall-kompetenza tat-Tribunal, jinkludi *l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, licenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta' xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li tittiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika.*

Meta l-Artikolu 2 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jigi pparagunat ma' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment mat-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" ghall-finijiet tal-procedura kontemplata f'dak l-artikolu tal-Ligi, jirrizulta immedjatament evidenti li l-*proviso* ghat-

tifsira ta' "eghmil amministrattiv" fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta thalla kompletament barra mill-Artikolu 2 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana ghalhekk li hlief f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabilixxi perijodu li fih awtorità pubblika jehtieg li taghti decizjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din tibqa' ma taghtix decizjoni dwarha fi zmien xahrejn jew kwalunkwe terminu iehor mid-data tan-notifika, tali nuqqas da parte ta' l-awtorità pubblika ma jikkostitwixxix rifjut u b'hekk att amministrattiv ghall-finijiet ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant in-nuqqas tal-Korporazzjoni intimata li taghti risposta lis-socjetà rikorrenti dwar it-talba taghha ghar-refuzjoni ta' l-ispejjez ta' safar konnessi mal-progett finanzjat ai termini tal-Grant Agreement datat 1 ta' Dicembru 2009, ma jistax jitqies li jikkostitwixxi att amministrattiv li jaqa' taht l-iskrutinju ta' dan it-Tribunal.

Kif già iktar 'l fuq osservat mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Audrey Ann Callus Randich[14], Direttur tal-Programme Implementation fid-Direttorat tal-Programme Implementation fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, u ta' Joseph Azzopardi[15], Head of Incentives Management and Head of Incentives Administration mal-Korporazzjoni Malta Enterprise, johrog ferm car li sa' dan l-istadju l-Korporazzjoni intimata ghadha ma hadet ebda decizjoni – formali jew xort' ohra – fir-rigward tat-talba ghar-refuzjoni da parte tas-socjetà rikorrenti: is-sitwazzjoni attwali hi li t-talba tas-socjetà rikorrenti tinsab sospiza stante l-possibilità li tigi promulgata ligi dwar il-*black-listing*, li tista' tipprekludi lil min hu *black listed* milli jinghata kuntratti pubblici u/jew jibbenefika minn fondi finanzjarji tramite l-Unjoni Ewropea, liema ligi jista' jkollha effett retroattiv.

Filwaqt li t-Tribunal ma jistax jonqos milli jesprimi t-thassib tieghu dwar is-serjetà tas-sitwazzjoni li fiha tinsab is-socjetà rikorrenti, bil-Korporazzjoni intimata u awtoritajiet

---

[14] Seduta tas-16 ta' Jannar 2012, fol. 70 sa' 73 tal-process.
[15] Seduta tas-27 ta' Marzu 2012, fol. 79 sa' 86 tal-process.

ohra involuti fil-process ta’ finanzjament minn fondi mill-Unjoni Ewropeja ghadhom sa’ llum ma hadu ebda forma ta’ decizjoni dwar it-talba taghha ghar-refuzjoni ta’ l-ispejjez ghal safar minnha inkorsi in konnessjoni mal-progett finanzjat skond il-Grant Agreement datat 1 ta’ Dicembru 2009, u per di più jibqghu jippersistu li ma jaghmlu xejn konkret biex is-sitwazzjoni tigi zblokkata b’mod jew iehor, jibqa’ l-fatt li s’ issa l-Korporazzjoni intimata ghadha ma wettqet ebda att amminsitrattiv li jista’ jew li ghandu jaqa’ taht l-iskrutinju ta’ dan it-Tribunal u konsegwentement it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tas-socjetà rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Korporazzjoni intimata u filwaqt li jiddikjara li t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma f’dan l-istadju improponibbli stante li s’issa l-Korporazzjoni intimata ghadha ma wettqet ebda att amministrattiv fir-rigward tat-talba tas-socjetà rikorrenti ghar-refuzjoni ta’ spejjez ai termini tal-Grant Agreement datat 1 ta’ Dicembru 2009 li jista’ jew ghandu jaqa’ taht l-iskrutinju ta’ dan it-Tribunal, jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet ta’ l-istess socjetà rikorrenti.

Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez giudizzjarji taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------